Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Mejju 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Versus**

**Francis Zahra**
**(386570M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Francis Zahra** ta' 46 sena, idetentur tal-Karta tal-Identita' Nru 386570M.

Akkużat talli gewwa Hal Far limiti ta' Birzebbuga u f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Marzu, 2017 f'xi hin bejn it-tlieta ta' filghodu u l-hdax ta' filghodu:

1. Bi vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' Jelena Doronda ID: 153795A meta hija ma setghetx tirrezisti ghal dan l-att; Art 198, 201(b) ta' Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi hebb ghal Jelena Doronda ID 153795A u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skont kif iccertifika Dr Nicholas Felice Reg No. 2877; Art 221 ta' Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.Art 209 ta' Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Jelena Doronda ID: 153795A hawn fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghha.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala recediv u dan wara li ngahta diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fl-14 ta' Lulju 2020, (esebiti *a fol*. 497 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 198 u 201(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 221(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 209 u 209A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Marzu 2023, wara li inqraw l-Artikoli l-imputat wiegeb li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti hekk kif preseduta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat illi fit-23 ta' Marzu 2023, dehret il-*parte civile* assistita fejn informat lil Qorti li xtaqet tirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

Rat illi fl-istess seduta fit-23 ta' Marzu 2023, l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tielet (3) akkuza migjuba kontrih.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed PS153 Lydon Zammit[1] stazzjonat Vice Squad fejn qal illi fl-4 ta' Marzu 2017, gew infurmati mill-ghassa ta' Birzebbugia li kien sehh stupru fuq mara barranija u li l-Pulizija kienu hadu l-vittma l-isptar wara li gabruha minn hdejn il-fabbrika tal-Playmobil f'Hal-Far. Hu mar l-isptar mal-Ispettur Joseph Busuttil u WPC186, fejn sabu lill-allegata vittma, Jelena Doronda, eccitata u taht xokk, li kienet qieghda tibki u bdew jippruvaw jikkalmawha. Hi spjegat illi ghamlet lejl tixrob go kazin f'Birzebbugia, u x'hin kienet ser titlaq talbet lift lil Frankie Żahra, li kien gar taghha, u hu beda jehodha postijiet differenti u f'hin minnhom x'hin qamet sabitu qieghed jkollu x'jaqsam maghha sesswalment. Ix-xhud kompla jghid li nhatret Inkjesta u lill-allegata vittma ccekjawha gynaecologist u kellha bzonn xi kura f'saqajha minhabba li kellha xi daqqiet. Wara l-isptar hu flimkien ma' WPC 186, marru ma' Jelena fil-post biex tiddiskrivilhom ahjar x'gara. L-ewwel marru fejn il-kazin tan-Nazzjonalisti, fejn kienet qieghda tixrob u minn fejn telqet ma' Zahra, wara marru fil-parking li kien hemm faccata tal-Freeport qabel ma taqbad it-triq ta' Hal Far, fejn qaltilhom li l-imputat kien ipparkja, u minn hemm telqu lejn Hal Far, fejn qalet illi l-imputat kien waqaf jixtri minghand gabbana li tinsab qabel ma tidhol ghal fabbriki ta' Hal Far. Minn hemm baqghu sejrin lejn il-fabbrika tal-Playmobil u dahlu f'ghalqa li sabuha, ghax il-vittma kienet indikatilhom li kien hemm trailers homor kbar. L-

[1] Fol. 41

allegata vittma qaltilhom illi kif qamet sabitu qieghed jkollu x'jaqsam maghha. Ix-xhud kompla jghid illi hu ha ritratti tal-post u mmarka bil-vlegga fejn kienet qaltilhom li kienet ipparkjata l-karozza, liema ritratti kien qieghed jipprezenta u gew markati Dok LZ1. Fuq il-post fil-haxix, vicin ta' fejn kienet ipparkjata l-karozza, sabu nuccali tax-xemx imkisser, ezebit u mmarkat Dok LZ2, instabet kaxxa tal-helu li giet ezebita u mmarkata Dok LZ3, li l-vittma kkonfermat li kienu fil-karozza tal-imputat, imqass li l-vittma ikkonfermat li kien fil-handbag taghha Dok LZ4, u fejn ix-xhud immarkhom fir-ritratti bi tliet slaleb zghar. Filghaxija marru jitkellmu mas-sid tal-kazin, Saviour Micallef, fejn ikkonferma illi z-zewg persuni kienu qeghdin jixorbu fil-bar ma' nies ohra u kienu telqu wara xulxin mill-bar u ma jafx f'liema direzzjoni telqu. Ghal 12.00pm Frankie Zahra, kien mar jaghmel rapport l-ghassa ta' Marsaxlokk, ghax l-ghassa ta' Birzebbugia kienet maghluqa, li mara kienet ghamlitlu xi hsarat fil-karozza tieghu. 'L ghada, fil-5 ta' Marzu, x-xhud flimkien mal-iSpettur Joseph Busuttil hadu lill-imputat Frankie, li gharaf fl-awla, l-istess rotta biex jispjegalhom minn fejn ghaddew fil-lejl tal-incident. Frankie kien ikkonferma li telqu mill-kazin, qabad it-triq lejn il-knisja, u hu beda jsaqsi lill-allegata vittma biex turih fejn toqghod, izda hi ma bdietx tkellmu u hu ddecieda li jmur lejn il-Freeport u waqaf fil-car park. Wara baqa' sejjer Hal Far u kien waqaf jixtri hobza u ilma u wara mar fl-ghalqa li kienet uriethom Jelena, fejn qal illi stenna xi erba' sieghat ghax kienet mitlufa minn sensiha u ma bdietx twiegbu u giet f'sensiha meta kellhom x'jaqsmu flimkien. Hu ammetta li kellu x'jaqsam maghha izda dan kien bil-kunsens taghha. Fil-mument li harget mill-karozza u telaq mill-post kien ghamel telefonata lill-Pulizija u dan gie ikkonfermat mill-Vodafone, fejn kien hemm zewg telefonati fil-11.11am u 11.13am. L-imputat kien inghata d-dritt tal-parir legali u kien cempel lil Dr Jean Karl Farrugia li ma setax ikun prezenti u kienet ittehditlu l-istqarrija rrekordjata. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-vice squad kienu gew infurmati mill-Pulizija tad-distrett fil-12.15pm. Il-vittma kienet dahlet il-bar ghal xi nofs il-lejl u kemm il-vittma kif ukoll l-imputat kienu qalu li telqu fit-3.00am, ghalkemm Saviour kien qal illi kien bejn wiehed u iehor l-4.30am meta hargu mill-bar wara li ghalaq, izda kien qal illi ma jzommx arlogg. Skond l-imputat, il-vittma kienet ser tirkeb ma' Saviour imma iddecidiet li tirkeb ma' l-imputat. Skond Saviour, l-ewwel hareg l-imputat u wara harget il-vittma u hu kien ghadu fil-bar ma' klijent iehor. Saviour kien qal illi l-vittma kellha argument ma' ragel iehor ghax kellu xi jghid mat-tfajla tieghu u Frankie kien hallas drink lil kulhadd izda ma kienx hemm kuntatt bejniethom. Hi qalet li kienet taf lil Frankie di vista u rikbet

mieghu biex jehodha d-dar. L-imputat mar jaghmel rapport l-ghassa ghad-danni li kienet ghamlitlu mara fil-karozza u kienu arrestawh il-Pulizija tad-distrett, izda hu ma kienx prezenti. Hu kien inkarigat li jiehu hsieb il-vittma l-isptar u wara hadha biex turih il-post, filghaxija mar jkellem lil Saviour u ltaqa' ma' Frankie 'l ghada l-Hadd. Kemm il-vittma kif ukoll l-imputat, ma kienux certi x'hin waqfu jixtru l-hobza izda indikaw li kien xi s-6.30am. Ix-xhud kompla jghid illi hu sar jaf minghand is-sid tal-gabbana li hu jarma fil-5.30am u kkonferma li Zahra mar jixtri hobza ghax gharfu mir-ritratt, imma ma kienx jaf min kien hemm mieghu. Ix-xhud kompla jghid li l-allegata vittma spjegatlu li kienu f'ghalqa fejn kien hemm containers homor bil-kliem bil-germaniz. Hi kienet qieghda tqum ftit u terga' torqod sakemm sabitu qed jkollu x'jaqsam maghha. Dan kien bejn is-6.30am u l-11.01am meta l-imputat beda jcempel id-depot u Jelena marret il-fabbrika tal-Playmobil. Ix-xhud qal illi hu ma jafx jekk kienx hemm hsarat, ghax ma rax il-karozza tal-imputat.

Illi xehed l-iSpettur Joseph Busuttil [2] fejn qal illi rcevew rapport mill-Pulizija tad-distrett ta' Birzebbugia, li kien hemm persuna tas-sess femminili, Jelena Dorando, li kienet marret il-fabbrika tal-Playmobil biex titlob l-ghajnuna. Il-Pulizija marru fuq il-post, izda stennew Pulizija mara biex ikellmuha, peress illi xtaqet titkellem ma' mara ghax kienet ghadha kemm giet stuprata minn ragel. Gie infurmat illi kien mar ragel l-ghassa biex jaghmel rapport, illi mara barranija li kienet mieghu fil-karrozza matul il-lejl, ghal xil-11.00am bdiet tkisser u taghti l-karozza bis sieq u ghamlitlu hsara, dan ir-rapport gie pprezentat u mmarkat JB6[3]. Dan ir-ragel kien halla l-mara hdejn il-Playmobil u harab minn fuq il-post u mar l-ghassa jaghmel rapport, fl-istess hin li l-mara kienet eskortata lejn l-isptar. Hu kien iltaqa' mal-vittma l-isptar fejn dehret eccitata u mbezza' imma mal-hin ikkalmat. Hu kien ta ordni biex il-Pulizija jzommu lir-ragel li mar jaghmel ir-rapport arrestat, ghax kienet infethet inkjesta mill-Magistrat Dr Doreen Clarke, illi hatret diversi esperti fosthom gyaecologist u Dr Marisa Cassar ghal DNA, membri tat-team SART u social worker mara. Il-Magistrat hadet l-istqarrija tal-vittma bil-gurament fil-kwartieri generali, fejn din qalet li ghal habta ta' 12.00am kienet marret il-Blue Bar gewwa Birzebugia, fejn kienet xorbot xi flixkun inbid zgur. Kif sar il-hin biex jitilqu, kienu hargu flimkien is-sid Saviour Micallef, habib tieghu, l-imputat u hi. Saviour Micallef kien ser jaghtiha lift imma kellu l-habib tieghu u ghalhekk saqsiet lil Francis biex iwassalha ghax kien

[2] Fol. 57 et seq
[3] Fol. 68

joqghod vicin taghha u hi rikbet mieghu. Hi bdiet tonghos mill-ewwel bejn ghax kienet bin-nghas ghax kienet ilha barra u bejn bix-xorb u ghalqet ghajnejha, x'hin fethithom sabet illi kienet f'parkegg hdejn il-Freeport u hi qalet lill-imputat biex iwassalha d-dar. X'hin bdiet miexja l-karozza regghet raqdet u Francis waqaf jixtri hobza u zewg flixken tal-ilma mill-gabbana u mar fil-parkegg hdejn il-fabbriki fejn kienet bdiet tiela' x-xemx. F'hin minnhom qamet ghax bdiet thoss xi haga tippenetraha sesswalment u sabet lill-akkuzat fuqha qieghed jkollu x'jaqsam maghha. Hu zammilha idejha u ma hallihiex ticcaqlaq, x'hin kien lest hareg mill-karozza u mar fuq is-seat, u hi ndunat li kellha l-qalziet ta' taht mal-art u giet isterika u bdiet tarmi kull ma beda gej ghal-idejha. L-imputat mar u harigha minn xagharha mill-karozza u waddabha ma' l-art u hi bdiet tipprova taghti lilu u l-karozza. L-imputat harab minn fuq il-post u qalilha li kien ser jmur jaghmel rapport. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat minn naha tieghu qal illi kienu telqu flimkien minn bar, izda kellhom x'jaqsmu flimkien x'hin waslu l-parking area tal-Freeport, ghax hi bdiet tintelaq fuqu. Minn hemm waqaf jixtri mill-gabbana u marru fl-ghalqa ta' Hal Far. Meta giet f'taghha giet isterika harget mill-karozza u bdiet taghti daqqiet tas-sieq lil karozza, u l-imputat qal illi kellu daqqa fuq il-mudguard. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat qal illi f'hin minnhom ra lill-allegata vittma titbaxxa u hasibha ha tigbor gebla biex twaddabhielu, u hu startja l-karozza u harab minn fuq il-post. Wara skoprew illi l-allegata vittma kif telqet mill-ghalqa marret sal-Playmobil biex titlob l-ghajnuna. Fil-fatt l-imputat kellu xi affarijiet minn taghha fil-karozza li ghaddihom lill-Pulizija. Ix-xhud kompla jghid illi meta l-*parte civile* giet ezaminata mill-gynecologist, hu talab illi tigi wkoll ezaminata mill-emergenza minhabba li kellha xi griehi f'irkuptejha li jindika li habtet irkuptejha ma' x'imkien. Fil-kontro ezami l-iSpettur qal illi kien gie infurmat mill-Pulizija tad-distrett fil-12.15pm li l-imputat kien fil-kustodja taghhom, u hu qalilhom biex ma jhalluhx jitlaq qabel ma jivverifikaw x'gara. Kif il-*parte civile* bdiet tallega stupru, hu ta struzzjonijiet biex l-imputat jinzamm u nforma l-Magistrat tal-Ghassa. Ix-xhud kompla jghid illi Francis kien dahal l-ghassa minn jeddu biex jirraporta, izda nzamm arrestat xi kwarta, nofs siegha wara. Id-dritt li jibqa' sieket u ta' l-avukat inghata mis-Supretendent Sandro Gatt, fl-ghassa ta' Marsaxlokk f'12.00pm u l-imputat ghazel li ma jikkonsultax m'Avukat. Ix-xhud kompla jghid li lill-imputat wara rega' tah id-drittijiet hu ghat-tieni darba, qabel ma kellmu u qallu x'kienu l-allegazzjonijiet, u din id-darba l-imputat ghazel li jkellem Avukat. Ix-xhud qal illi ma jiftakarx meta kien, imma hemm kollox illogjat fil-ktieb tal-lock up. Ix-

xhud kompla jghid illi l-imputata kienet mizzewga barrani u t-tnejn kienu jghixu u jahdmu Malta. Matul il-lejl tal-incident ir-ragel ta' l-allegata vittma kien xoghol ta' bil-lejl u hi harget ticcelebra ghand Saviour, ghax kienet iffirmat kuntratt biex tbiddel ix-xoghol. Hu kompla jghid illi fil-hinijiet ta' filghodu hi ma kinitx ghamlet kuntatt mar-ragel taghha, ghax fil-fatt kienet waqatilha l-batterija tal-mobile, u kienu huma li qalu lir-ragel x'gara fil-prezenza tal-*parte civile*. Illi x-xhud rega' xehed fl-10 ta' Settembru 2020[4] fejn gharaf lill-imputat fl-awla. Wara li rcevew it-telefonata r-rapport dahal fis-sistema[5], ittiehdet l-isptar u giet ezaminata, l-istqarrija ta' Francis Zahra li ttiehdet bil-video conferencing[6], fejn Zahra qallu li kienet hi li talbitu jwassalha d-dar izda jekk jiftakar sew fl-ebda hin ma jghid li gara xi haga sesswali bejniethom. Jelena kienet qalet illi meta qaltlu li sejra ghand il-Pulizija kien hargilha sikkina jew xi haga simili biex ibezzaghha u qalilha li sejjer l-ghassa biex jiritorna l-affarijiet taghha, kif fil-fatt ghamel. Fil-kontro ezami jghid illi ma jafx jekk Jelena kinitx mizzewga imma jaf illi kellha partner u kienu jghixu flimkien Birzebbugia xi 10 minuti l-boghod bil-mixi mill-bar. Hi kienet qaltlu li kienet xurbana u l-barman kien qal illi l-ewwel talbet lift lilu u wara talbet lift minghand Francis ghax ma kinitx mija fil mija f'sikkitha. Meta x-xhud ra lil *parte civile*, kienet l-isptar wara nofs in-nhar u kellha riha ta' xorb u anke l-imputat kellu riha ta' xorb meta kellmu aktar tard dakinhar stess. Ma jafx fi x'hin telqet mill-bar ghax skond l-imputat kienu is-2.00am u skond l-*parte civile* kienu l-5.30am, izda telqu meta Saviour ghalaq il-bar. Il-*parte civile* qalet lix-xhud illi hi marret fil-karozza zghira u ma kinitx taf tispjega lill-imputat fejn toqghod u taghtu l-id card ghal-indirizz, fil-fatt kien wiehed mid-dokumenti li kien irritorna l-ghassa Zahra. Il-*parte civile* kompliet tghid lix-xhud illi ndunat li saq lejn il-Freeport u ndunat li ma kinitx triqtha u qaltlu lill-imputat, izda hu qalilha li riedha tara l-veduta u peress illi kien joqghod hdejha fdatu izda qaltlu li riedet tmur torqod. X'hin hasset il-karozza ticcaqlaq raqdet u x'hin qamet kien gja sebah u l-imputat mar jixtri xi haga vicin ta' Hal Far u taha tixrob u regghet raqdet. X'hin regghet qamet sabet li kellha l-qalziet mnezza' u hu kien fuqha jippenetraha, u hi qaltlu biex jieqaf u ppruvat timbuttah u l-imputat zammilha idejha mas-seat tal-karozza. Hi bdiet taghti ghax ippanikjat u qaltlu li sejra ghand il-Pulizija, u l-imputat hargilha sikkina biex ibezzaghha. Illi x-xhud qal illi ma jidhirlux li kienet instabet is-sikkina ghax kieku giet elevata u hi kienet wadbet il-gizirana taghha jew lejh jew

4 Fol. 500 et seq
5 Dok JB3 fol. 12
6 Dok JB5 fol. 37

barra mit-tieqa. Ix-xhudipprezenta d-dikjarazzjoni ta' Jelena li saret quddiemu u WPC186 Dorianne Tabone immarkata Dok AMG1. Fis-16 ta' Settembru 2021 rega' xehed l-iSpettur Joseph Busuttil u pprezenta numru ta' rapporti li saru minn jew fil-konfront ta' Jelena Dorando mmarkati MC1[7] fejn hemm numru ta' rapporti li Jelena nstabet fi stat ta' sokor u xi tlett rapporti fejn allegat illi giet suprata waqt illi kienet fi stat ta' sokor.

Illi fid-29 ta' Marzu 2017, Nancy Zammit ipprezentat it-traskrizzjoni tal-istqarrija ta' Francis Zahra[8] wara li kienet inhatret mill-Qorti fis-6 ta' Marzu 2017, sabiex taghmel traskrizzjoni tal-istqarrija li kienet giet ipprezentata fuq CD immarkat Dok JB5.

Illi xehed PC441 Matthew Darmanin[9] fejn qal illi kien stazzjonat Birzebbugia, u fl-4 ta' Marzu 2017, fil-11.30am ircevew telefonata li mara kienet giet aggredita fil-funpark ta' Hal Far. Hu kien mar flimkien ma' PC389, fejn kif waslu fuq il-post sabu l-ambulanza li waslet qabilhom. Huwa saqsa fejn sehhet il-glieda, izda securities qalulu li ma kienx hemm glieda izda mara kienet giet aggredita u stuprata u kienu dahluha go kamra privata. Kif dahlu f'din il-kamra sabu mara ta' nazzjonalita barranija, li kienet il-*parte civile* Jelena Doronda, li bdiet tibki u tghajjat li kienet giet raped. Hi qaltlu li kienet ghamlet lejl tixrob ma' persuna jismu Felix, izda ma' tafx kunjomu, fil-kazin tan-nazzjonalisti f'Birzebbugia, u li kien offra li jwassalha d-dar u minflok baqa' sejjer Hal Far fejn kien stupraha. Hu saqsiha kienx hemm penetrazzjoni u hi wiegbet illi kien hemm izda xtaqet titkellem ma' Pulizija mara. Hu informa lil PS1434 taz-Zurrieq, u baqa' jistenna sakemm gie PS 1434 u WPC 228 Marianne Scicluna fejn dahlu jkellmuha. Waqt illi kienu ghadhom hemm, ircieva telefonata minghand PC1568, li kien l-ghassa, li qallu li kienet dahlet persuna tirraporta illi kellu xi hsara fil-vettura u li kien sab xi dokumenti ta' persuna barranija fil-vettura. Hu qallu biex jistenna ha jkellem lis-Surgent ghax issuspetta li kien l-istess persuna li kien mal-vittma. Hu kkonferma li kien dahal ir-rapport JB3, a fol. 13 fejn gie infurmat l-iSpettur Melvin Camilleri ghax wara kompla PS1434. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi t-telefonata li persuna kienet marret tirraporta dwar hsara fil-vettura u li kellu xi dokumenti ta' persuna, kien xi nofs siegha wara li kienu ircevew it-telefonata u peress illi Dorando rraportat li kienu ttiehdulha xi dokumenti huma allaccjaw iz-zewg incidenti flimkien.

---

[7] Fol. 580

[8] Fol. 71 et seq

[9] Fol. 170

Illi xehed PC389 Silvio Bonnici [10] fejn qal illi fl-4 ta' Marzu 2017, hu u PC 441 kienu inghataw struzzjonijiet biex imorru jassistu mara li kienet giet aggredita l-fun park tal-Playmobil. Kif waslu sabu mara, Jelena Doronda, li qaltilhom li giet aggredita u kienu hadulha l-portmoni bid-dokumenti. Hi ma riditx tghidilhom b'liema mod kienet giet aggredita, izda xtaqet titkellem ma' Pulizija mara. Huma infurmaw lil PS1434, l-iSpettur u s-Supretendent li nfurmhom li kien hemm persuna li kienet marret tirraporta l-ghassa ta' Birzebugia li kellu konnesjoni ma' dan il-kaz. Fil-kontro ezami hu qal illi Doronda qalet illi kienet giet aggredita minn persuna jismu Felix, ftit qabel ma marru fuq il-post. Hi kienet mimlija trab u kellha riha ta' xorb, kienet tidher anzjuza tixrob il-kafe u tpejjep, izda hu kellu ftit kuntatt maghha ghax ma hassithiex komda.

Illi xehed PS1343 Mario Mercieca fejn qal[11] illi fl-4 ta' Marzu 2013, hu kien gie infurmat illi kien hemm persuna li giet attakkata fejn il-funpark tal-Playmobil. Hu kien qieghed barra fuq xoghol iehor u ghalhekk x'hin, wasal PC 441 u iehor jismu Silvio qalulu li l-persuna qalet illi kienet giet abbuzata sesswalment, izda riedet titkellem ma' Pulizija mara. Peress illi kien hemm WPS 228 mieghu hu baghatha titkellem mal-vittma. Hu informa lill-iSpettur tal-ghassa Melvin Camilleri u l-iSpettur Busuttil tal-Vice Squad u telqu mal-vittma l-isptar. L-ewwel fl-emergenza u wara fil-gynae sakemm gew tal-vice squad, il-vittma kienet fi stat ta' paniku u tibki u waqghatilhom xi darbtejn l-isptar. Fil-fatt tellghuha l-gynae bil-wheelchair.

Illi xehdet WPC228 M'Anne Scicluna[12] fejn qalet illi fl-4 ta' Marzu 2017, ghal habta tal-11.30am marru fil-fun park tal-Playmobil ghax kienu infurmati li kien sehh kaz ta' stupru. Kif waslu sabu l-vittma Jelena Doronda, l-ambulanza u zewg Pulizija ohra li kienu waslu qabilhom. Hi dahlet tkellimha ghax riedet titkellem ma' pulizija mara, u l-*parte civile* qaltilha li fil-lejl ta' qabel kienet fil-kazin tixrob ma' persuna Felix, u ghal habta tat-3.00am wara li kienu xorbu diversi drinks, kien ser jwassalha d-dar ghax kien joqghod vicin taghha u flok hadha d-dar mar lejn Hal Far. F'xi hin beda jmissha u hi qaltlu li ma riditx ghax kienet mizzewga u biex jehodha d-dar u dan baqa' jisforzaha u kellu x'jaqsam maghha u kien gie go fiha. Ix-xhud qalet illi kienet marret wara, u hadet il-verzjoni tal-

[10] Fol. 173
[11] Fol. 176
[12] Fol. 180

haddiema tal-Playmobil u li kienet ziddithom fir-rapport mmarkat JBS u ipprezentat ir-rapport bl-updates taghha mmarkat MS1[13]. Il-*parte civile* kienet akkumpanjata l-isptar fl-emergenza u wara l-gynae sakemm gew tal-vice squad. Fil-kontro ezami ix-xhud qalet li meta kienu l-Playmobil, il-vittma qaltilha li kienet ilha tixrob fil-bar mis-1.00am. Telqu mill-bar fit-3.00am u l-imputat hadha lejn Hal Far, f'hin minnhom keccieha mill-karozza u hadilha xi dokumenti, u hi ma kinitx taf fejn kienet u bdiet timxi sakemm waslet hdejn il-Playmobil u talbet l-ghajnuna.

Illi PC 1568 Maurizio Falzon xehed[14] illi fl-4 ta' Marzu 2017, ghal-habta ta' 12.15pm, waqt li kien l-ghassa ta' Marsaxlokk kien mar Francis Zahra, li gharaf fl-awla, biex jaghmel rapport ta' damages fil-vettura tieghu fin-naha tal mudguard tax-xufier, li x-xhud ikkomferma li kien ir-rapport mmarkat JB6. Dawn id-damages saru minn persuna femminili izda ma kienx jaf x'jisimha, izda l-imputat tah residence permit u portmoni ta' Jelena Doronda, u qallu li din il-persuna kienet halliethom fil-vettura fejn il-funpark tal-Playmobil. L-imputat qal lix-xhud illi fil-lejl ta' qabel kienu qeghdin jixorbu flimkien fil-kazin tan-nazzjonalisti ta' Birzebbugia u ftehemu li ser iwassalha d-dar, u peress illi kienu xurbana raqdu fil-karozza hdejn il-Playmobil u f'xil-11.00am, kif qamet bdiet issabbat mal-karozza u ghamlitlu l-hsara.

Illi xehdet WPC 186 Dorianne Tabone [15] fejn qalet illi fl-4 ta' Marzu 2017, ghal habta tas-1.00pm, marret Mater Dei ma' PS153 u PC 145 ghax kien dahal rapport ta' stupru. Hemm sabu lil Jelena Doronda flimkien mal-Pulizija u social worker li kienet tidher taht *shock* qawwi, bdiet tibki u ma setghetx toqghod fuq saqajha ghax bdiet tugaha rkuptejha u fil-fatt kellhom juzaw wheelchair. Hi tkellmet maghha, fil-prezenza tas-social worker, l-iSpettur Joseph Busittil u PS153, fejn qaltilhom illi kienet ghadha kemm bidlet ix-xoghol u r-ragel kien xoghol ta' bil-lejl u saqsietu setghetx tmur tixrob fil-bar ta' Saviour li kien habib taghhom. Waqt illi kienet hemm nnutat ragel li beda jemzilha, li kien Felix, hi xorbot xi flixkun inbid u kellha argument mas-sid tal-bar ghax kienet iggieldet ma' koppja. Hi bdiet tibki u ghalhekk il-Pulizija maskili hargu barra halli tkun komda. Ix-xhud kompliet tghid illi l-*parte civile* qaltilha illi x'hin hargu mill-bar Felix offrilha lift u hi taghatu l-id card biex jara l-indirizz. X'hin rat li ma kienx sejjer fid-direzzjoni tad-dar taghha, hi qaltlu u hu wegibha li ma kienx jaf

[13] Fol. 184
[14] Fol. 189
[15] Fol. 193

fejn toqghod, waqaf jixtri xi xorb u hadha x'imkien fejn kien hemm hafna fjuri sofor u baqghet rieqda u bdiet tghidlu li riedet lir-ragel taghha. X'hin qamet sabet lil Felix jaghmel is-sess maghha u bdiet timbuttah u tghidlu jieqaf. Hu qabdilha idejha u tefaghhom wara rasha. X'hin lesta qam minn fuqha u x'hin indunat li ejekula go fiha aktar ippanikjat. Hu qabadha minn xagharha u ppuntalha arma bil-ponta tal-fidda. X'hin qaltlu li ser tghid lill-Pulizija hu qalilha li kien ser jghidilhom qabilha. Bdew jissaraw u l-imputat tefaghha l-barra mill-karozza u taha daqqa gol-istonku, u hi marret il-Playmobil u gew il-Pulizija. Wara li giet invistata mit-tabib, x-xhud u PS153 haduha Birzebbugia biex turihom r-rotta u l-*parte civile* hadithom fuq il-post. Is-surgent lemah nuccali mkisser u hi gharfitu li kien fil-karozza ta' Felix. Gharfet il-gabbana minn fejn l-imputat kien waqaf jixtri x-xorb, li kien ftit il-boghod minn fejn sehh l-incident. Regghu haduha d-depot fejn kellimha l-iSpettur qabel haduha d-dar. 'L ghada x-xhud nizlet mal-Ispettur, is-surgent u Francis Zahra, li gharfet fl-awla, li urihom ir-rotta. Urihom il-parkegg ta' hdejn il-bahar Birzebbugia, fejn waqqfu, uriehom il-gabbana fit-triq ghal Hal Far fejn waqaf jixtri hobza u tnejn ilma, li kienet l-istess gabbana li kienet indikatilhom Jelena u saqu lejn l-ghalqa fejn kien hemm il-fjuri sofor li kienet indikatilhom Jelena. Minn hemm elevaw imqass, lenti ta' nuccali li qablet mal-frame tan-nuccali, li kien gie elevat il-gurnata qabel mis-Surgent Lydon u kaxxa tal-pilloli. Marru lura l-ufficju u l-iSpettur tefa' l-affarijiet go envelope, fejn Francis beda jghidlu li l-mqass ma kienx tieghu u fil-fatt wara rrizulta li kien ta' Jelena li kienet izzommu fil-baskett fejn kellha l-portmoni u d-dokumenti, li meta ndunat li kienu nieqsa meta kienet l-isptar bdiet tippanikkja. Ix-xhud kompliet tghid illi l-imputat kien kellem l-Avukat.

Illi PC 1425 Adrian Ciappara xehed[16] fejn qal illi fl-4 ta' Marzu 2017, kien eskorta lil Francis Zahra li gharaf fl-awla, mill-ufficju tal-iSpettur Joseph Busuttil ghal *lock up* sabiex jigi registrat u nghata d-drittijiet tieghu, fejn ghazel li jikkonsulta ma' l-Avukat Dr. Jean Karl Farrugia qabel ma jaghti l-istqarrija lill-iSpettur. Hu cempel lill-avukat darbtejn fis 18.58 u 18.59, izda ma kienx hemm twegiba u hu rega' nizzlu l-*lock up* ghax ma giex mitkellem dak il-lejl.

Illi fl-4 ta' Mejju 2017, Benjamina Mifsud ipprezentat process verbal numru 158/2017[17] dwar allegat stupru tal-Magistrat Dr. Doreen Clarke u l-Qorti kkonfermat in-nomina tal-esperti kollha nnominati fl-inkjesta.

---

[16] Fol. 197
[17] Fol. 210

Illi xehdet Jelena Doronda fejn gharfet l-imputat fl-awla u kkonfermat l-istqarrija taghha quddiem il-Magistrat Dr Doreen Clarke, fejn kienet qalet illi hi kienet mizzewga u r-ragel taghha kien xoghol ta' bil-lejl u qalet lir-ragel li kienet ser tohrog ticcelebra fil-bar tal-habib taghhom Eman u marret bejn 12.00am u 1.00am. Hi kienet qieghda tixrob u titkellem ma' mara u rat lil Felix, li ddeskrivietu bhala itwal minnha, b'sahhtu u spallejh kbar, mhux ohxon bil-lehja, b'xagharu griz u li jteptep ghajnejh. Marret it-toilet u rat tfajla li kellha xi tghid mas-sieheb taghha u qaltlu biex ma jkellimx lit-tfalja hekk u Eman tal-bar irrabja. X'hin hargu barra Eman kien qisu rrabjat maghha u qalilha li kien sejjer direzzjoni ohra u ma tafx jekk Felix offrilhiex biex jwassalha jew jekk kienet hi li saqsietu, ghax kienet taf li joqghod vicin taghha. Dahlet fil-karozza tieghu li kienet zghira, u wrietu l-indirizz mill-karta tal-identita. Hi kienet sturduta u bdiet torqod u rat li ha direzzjoni ohra, imma hasbet li kien ser jiehu triq ohra. L-imputat waqaf hdejn il-Freeport, u hi saqsietu ghalfejn waqaf u hu qalilha biex jaraw il-veduta, izda hi qaltlu li riedet tmur id-dar ghax ir-ragel kien gej lura mix-xoghol. Hu rega' xeghel il-karozza u hi regghet raqdet, taf li waqaf jixtri u regghet raqdet, u marru hdejn fjuri sofor u kienet rieqda sakemm qamet u sabitu fuqha, jkollu x'jaqsam maghha, fejn kien hemm penetrazzjoni. Hi ppruvat timbuttah, izda hu zammilha idejha flimkien u ndunat li kien lest ghax xammet l-isperma u rat li kienet minghajr il-qalziet u ppanikjat. Bdiet tipprova tiftah il-karozza u bdiet taqbadlu l-affarijiet  bhal nuccali li kellu fil-karozza u taf li remiethom u bdiet taghti bis-sieq mat-tyres. X'hin qaltlu li kienet sejra ghand il-Pulizija hargilha sikkina griza, jista' jkun li kien l-imqass taghha jew xi haga d-daqs tal-imqass ghax rat biss il-parti tal-metal. Gibidha minn xagharha u hi bdiet timbuttah, u hu taha daqqa fl-istonku u tefalha l-affarijiet taghha ma' l-art u telaq minn hemm. Is-seat kien mnizzel u l-baskett taghha kien fis-seat ta' wara imma ma sabitx il-portmoni, l-passaport u l-id card tax-xoghol taghha. Ix-xhud kompliet tghid illi hi ma kellhiex flus u ma kellhiex charge fil-mobile u ma kintix taf x'ser taghmel. Rat karozza b'zewg persuni u marret u talbithom l-ghajnuna izda ma riedux jghinuha ghax kellhom mara u qalulha biex tmur il-Playmobil. Hi marret Playmobil u tiftakar li kien hemm zewg nisa li tawha l-kafe u cemplu lill-Pulizija. Tiftakar li hin minnhom x'hin kienet fil-karozza ta' l-imputat, kienet qieghda zzomm it-tieqa u bdiet tibki u tghidlu jehodha ghand ir-ragel taghha, imma ma tafx f'liema post kienu dak il-hin.

Illi fil-25 ta' Lulju 2017, xehed Dr Nicholas Felice[18] li hu kien ezamina lil Jolanda Doronda u kien sabilha abrasion zghira f'ghonqha u tnejn ohra fuq in-naha ta' quddiem u ta' wara t' idejha, u rkoptejha t-tnejn, li kienu jidhru friski u kienu minor abrasions. Izda min-naha tal-gynae ma sab ebda tbengil jew sinjal ta' trauma u meta ezaminaha minn gewwa, kien kollox normali. Hadu wkoll swabs u samples li rrizultaw li ma kienx hemm xi nfezzjoni. Il-*parte civile* kienet giet riferuta l-emergenza biex taghmel X- ray tal-irkoppa tax-xellug, li rrizulta normali u li ma kienx hemm ksur. Il-*parte civile*, kienet allegat illi kienet qieghda f'bar u kien hemm ragel li kien joqghod vicin taghha u kien offrielha lift id-dar, izda flok mar lejn id-dar taghha kien saq lejn Hal Far. Hi ma ftakritx hafna milli gara, izda x'hin qamet ma kellhiex il-qalziet u l-qalziet ta' taht u li hu kellu keychain u sikkina li uza kontriha meta ipprovat tahrab. Irnexxielha tahrab sal-fabbrika tal-Playmobil fejn cemplu lill-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma li l-kitba u n-notamenti li kien hemm fid-dokumenti mmarkati JB4 *a fol.*15 kienu tieghu. Fil-kontro ezami hu kkonferma li kien invistha fit-2.45pm u kienet konxja u kienet taf x'gara u ghalfejn kienet l-isptar, u fil-fatt taghtu l-kunsens biex jinvistaha. Kienet qaltlu li qabel kienet qieghda tixrob fil-bar, imma ma qaltlux kemm damet il-bar. Hu kien saqsiha jekk kinitx fis-sakra izda ma rrispondietx. Meta x-xhud qal hi qamet u sabet li ma kellhiex qalziet kien il-kliem taghha, *"she woke up without her trousers and underwear."*

Illi xehed Saviour Micallef[19] li huwa barman fil-bar fil-kazin tal-partit Nazzjonalista f'Birzebbugia. F'Marzu 2017, Frankie, li gharaf fl-awla, kien qieghed jixrob fil-bar tieghu u kien hemm Jelena li bdiet tixrob hafna, u fil-fatt xorbot xi zewg fliexken inbid u bdiet taqbad man-nies, tant li kien hemm persuna li tefatlu t-tazza. Kienet pastaza man-nies, li hin minnhom hu qalilha biex taqbizlu 'l barra minn gol-bar. Wara regghet dahlet u qaltlu li huma mhux ser jiggieldu u hu qalilha li ma riedx kummidji. Kulhadd kien kwiet fil-hanut u Frankie kien klijent regolari, qatt ma qalalu inkwiet ghax dejjem joqghod ghalih. Jelena kienet tmur il-bar spiss, imma lejn l-ahhar kienet bdiet taqlalu l-inkwiet. Hu kien sar jafha meta kienet qieghda tfittex post u hu kien ghinha u baqghu hbieb, imma kienet tmur ghandu tard bil-lejl meta kienet tiggieled mal-boyfriend. Dakinhar Frankie kien qed jitkellem ma' xi Inglizi. X'hin telghet ix-xemx hu ghalaq il-bar u hargu kollha f'daqqa, u Jelena riedet tmur mieghu, imma hu ma ridhiex u qabdet u dahlet fl-ewwel karozza li kienet ta' Frankie. Ix-xhud

[18] Fol. 256
[19] Fol. 261

kompla jghid illi kemm jekk tiehu t-triq fuq ix-xellug kif ukoll tal-lemin it-tnejn kienu jaslu sa fejn toqghod Jelena, u Frankie kien mar fid-direzzjoni tal-knisja. Hu kien sema' x'gara izda ma setax jemmen ghax jaf lil Frankie bhala onest u qatt ma qala' nkwiet. Ix-xhud kompla jghid illi hu qatt ma kien rah lil Frankie minn dakinhar sakemm rah dakinhar l-awla. Fil-kontro ezami hu qal illi kien ilu bil-bar aktar minn sena. Jelena sar jafha meta kienet gharusa u zzewget xi sena ilu u hu kien ix-xhud. Wara li zzewget baqghet tmur il-bar kuljum u tixtri x-xorb u gieli halsulha, u kienet toqghod sa filghodu, u r-ragel taghha kien jibghatlu jsaqsi fejn hi l-mara u x'gara fil-bar, u hu kien jghidlu li ma gara xejn. Meta kienet tmur d-dar filghodu kienet tiggieled mar-ragel u kienet tmur ghandu bil-bagalja biex toqghod mieghu u kienet tghidlu ahjar kieku ma' kontx gay u zzewwigt lilek. Mistoqsi jekk qattx raha hierga ma' xi ragel iehor mill-bar, hu wiegeb illi darba kienet qieghda tixrob magenb ragel ta' karnaggon skur, u kienet gja harget mill-bar mieghu, u hu hareg jghajtilha ghax kienet gja qasmet faccata. Gieli mar ir-ragel taghha maghha l-bar, u kien hemm drabi meta r-ragel telaq u hi baqghet hemm sakemm jaghlaq. Hi kienet tghajjatlu Eman u kienet tghidlu li ser tibqa' mieghu, u jitilqu flimkien u kienet tmur ghandu d-dar u tghidlu biex torqod hemm, u hu kien jghidilha biex tmur id-dar ghax kellha r-ragel id-dar. Hi tghix xi hames minuti mixi boghod mill-bar. Dakinhar kienet qieghda titkellem ma' ragel u tefghatlu tazza, fil-fatt kienet kissritlu t-tazzi kollha tal-inbid ghax spiss kienet tkun fis-sakra u teqlibhom. Meta tkun fis-sakra l-attitudni taghha tinbidel u ssir agressiva, fil-fatt meta kienet qalghatlu l-inkwiet fil-bar, kien ibblokkja facebook u mobile ghax ma riedx jibqa' hbieb maghha. Dakinhar  raha hierga mill-bar wehedha ghax Frankie kien gia hareg, ghax qabel ma harget marret u ghanqitu, u qaltlu ghalfejn mhux ser jibqghu hbieb. Kif ghalaq, raha sejra 'l hemm u regghet lura biex titolbu jwassalha u hu ma riedx, u wara dahlet fil-karozza ta' Frankie fin-naha tal-passiggier u Frankie kien ghadu barra l-karozza.

Illi xehdet Dr Marisa Cassar li analizzat diversi hwejjeg u xugamani u swabs migburin mill-karozza, u mill-kampjuni intimi tal-vittma u jeans u qmis iswed kien hemm prezenza tad-DNA ta' ragel, izda ma jirrizultalhiex min hu ghax ma kinitx hadet sample tieghu u ghalhekk il-Qorti estenditilha l-inkarigu u hadet il-kampjuni tal-imputat seduta stante. Dr Cassar ipprezentat r-rapport immarkat Dok MC1[20]. Hi reghet

[20] Fol. 273 et seq

xehdet fil-15 ta' Frar 2018, fejn ezebit rapport iehor mmarkat ukoll MC1[21] fejn qalet li kien hemm zball f'dan ir-rapport fl-isem ghax flok indikat il-persuna li taghha kellha l-profil genetiku bhala Francis Zahra indikatu bhala Francis Caruana u ghamlet il-korrezzjoni fir-rapport. Mill-*vulval vaginal swab* fejn kien hareg profil genetiku mhallat dan kien jaqbel kemm mal-vittma, kif ukoll ma' Francis Zahra bi probabilita ta' 1507 u kien hemm swabs ohra li ttiehdu mill-hwejjeg u affarijiet ohra li ukoll qablu ma' dawk tal-imputat.

Illi xehed PC 1491 Kurt Attard[22] fejn qal illi fl-4 ta' Marzu 2017 hu u PC558 Patrick Attard gew infurmati mill-iSpettur biex jaghmlu ezamijiet forensici fuq vettura Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni IBF-929 li kienet gewwa Triq ix-Xatt, Marsaxlokkk. Hu kien ha 37 ritratt tal-vettura li kien qieghed jipprezenta u li gew mmarkati Dok KA1[23].

Illi xehdet WPC 356 Natasha Vella, fejn qalet illi fl-4 ta' Marzu 2017, giet nnominata mill-Magistrat Doreen Clarke biex tiehu r-ritratti tal-persuna Jelena Dorando u pprezentat faxxiklu b'35 ritratt u r-rapport taghha li gie mmarkat NV1[24].

Illi fit-30 ta' Novembru 2017, xehed l-iSpettur Melvyn Caruana[25] fejn qal illi fl-4 ta' Marzu 2017, kien gie infurmat illi kien hemm rapport minn persuna ta' nazzjonalita barranija li kienet giet stuprata vicin il-Playmobil park, f'Hal Far. Il-persuna ittiehdet l-isptar ghal kura u t-testijiet u kien informa l-Magistrat tal-ghassa Doreen Clarke li hatret inkjesta dwar ir-rapport. L-imputat Frank Zahra kien mar minn rajh l-ghassa ta' Marsaxlokk biex jaghmel rapport, li mara barranija kienet ghamlitlu hsara fil-vettura fejn kien hemm is-Supretendent Sandro Gatt li tah id-drittijiet kollha skond il-ligi u kien kompla jkellmu hu. Frank kien qal illi hu kien hareg mill kazin ma' mara barranija, wara li kienu ilhom jixorbu u kellhom x'jaqmsu sesswalment bil-kunsens taghha. L-imputat qallu illi, ma jiftakarx fi x'hin, qabadhom il-guh u saq lejn Hal Far biex jixtri l-ikel minn gabbana li jkun armat kmieni filghodu. Ix-xhud kompla jghid illi min hemm hadu *over* tal-iskwadra kontra l-vizzji u hu ma kompliex ikellmu aktar. Hu kien ghamel biss r-rapport inizjali mal-Magistrat Clarke ghax wara kompla l-iSpettur Busuttil. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi hu

[21] Fol. 379
[22] Fol. 292
[23] Fol. 297
[24] Fol. 300
[25] Fol. 365

beda jkellmu lill-imputat meta l-*parte civile* dahhlet ir-rapport tal-istupru, u kien ittawwal lejn il-karozza u ra hsarat minimi fid-dashboard, fejn kien hemm il-bieba tal-*glove compartment* mkissra u xi hsarat fl-arlogg.

Illi fid-9 ta' Mejju 2019 xehdet Lucienne Vella[26] li hija on call social worker mal-victim assault unit, u qalet illi kienu ghajtulha meta Jelena Doronda kienet dahlet l-isptar bhala vittma ta' stupru. Jelena kienet qaltilha li kienet giet stuprata minn Francis fil-karozza tieghu izda ma kellhiex kuntatt maghha wara dakinhar.

Illi fit-13 ta' Frar 2020 xehed PC 558 Patrick Attard, li kien gie mahtur bhala espert fil-forensika biex jigbor affarijiet mill-karozza u kien ghadda kollox lil Dr Marisa Cassar. Ipprezenta r-rapport mmarkat PA1[27].

Illi fid-19 ta' Novembru 2020 Dr Richard Sladden ipprezenta t-traduzzjoni tad-dikjarazzjoni solenni ta' Jelena Dorando mill-lingwa Ingliza ghal dik Maltija[28].

Illi fit-3 ta' Gunju 2021 xehed PC 1401 Christopher Copperstone,[29] fejn qal illi nhar id-9 ta' Mejju 2019, ghal habta tal-4.45pm kien mar l-ghassa ta' Birzebbugia, Francis Zahra, jirraporta illi fit-8 ta' Mejju 2019, ghal xi 7.00pm waqt illi kien il-kazin tal-banda ta' San Pietru f'Birzebbugia kienet marret Jelena Doronda hdejn il-bar u hallsitlu drink. Hu rrifjuta id-drink u telaq in-naha l-ohra tal-kazin fil-kantuniera, fejn kien hemm shabu u Jelena marret quddiemu u bdiet tghidlu skuzani talli irraportajtek u li ghamilt tlett xhur il-habs u wara bdiet toffendih bi kliem vulgari. Illi x-xhud kellu filmat ta' dak li kien gara, u kien qieghed jipprezenta CD immarkat CC1 u tlett ritratti li gew immarkati CC2. Kien hemm rapport u kien hemm kollox imnizzel fir-rapport u fil-PIRS. Hu kien qieghed jipprezenta r-rapport mmarkat CC3 u e-mails fejn kien ikkomunika ma' Jelena immarkati Dok CC4.

**Ikkunsidrat**

Illi il-*parte civile* u diversi xhieda qalu, illi l-*parte civile* kienet qieghda go bar f'Birzebbugia fejn kienet ikkunsmat ammont konsiderevoli ta' xorb,

---

[26] Fol.449A
[27] Fol. 476
[28] Fol. 519
[29] Fol. 574

kif xehed ukoll il-barman, Saviour li kien habib taghha. Matul il-lejl l-*parte civile* kellha xi tghid ma' xi klijenti ohra tant illi l-barman kien kecciha, izda hi kienet regghet marret lura. X'hin ghalaq il-bar talbet lil Saviour biex iwassalha d-dar izda hu m'accettax. Skond Saviour u l-imputat, hi kienet talbet lill-imputat biex iwassalha d-dar. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet illi fil-hin ta' bejn meta nghalaq il-bar, li kien qabel ma sebah sal-11.15 am, il-*parte civile* baqghet fil-karozza ma' Francis Zahra. Hemm qbil ukoll illi marru go parkegg minn fejn dehret il-veduta tal-Freeport, Francis waqaf jixtri xi ikel u xorb minn gabbana f'Hal Far u li spiccaw ipparkjati f'ghalqa vicin il-fabbrika tal-Playmobil, u kienu raqdu fil-karozza. Il-*parte civile* allegat illi hi taghtu l-ID card sabiex isib it-triq lejn id-dar taghha, izda minflok ha triq ohra u flok hadha d-dar hadha l-ewwel lejn il-Freeeport, u meta indunat li ha triq ohra qaltlu li riedet tmur id-dar, izda x'hin rega' saq regghet raqdet u qamet x'hin kien hdejn il-gabbana. Hemmhekk regghet qaltlu biex jehodha d-dar u wara tiftakar li qamet u sabitu jkollu x'jaqsam maghha fejn hi ipprovat twaqqfu, izda hu zammilha idejha u ma waqafx. Hemmhekk x'hin indunat x'gara giet isterika u kien hemm argument bejniethom, fejn hi bdiet taghti u twaddab l-affarijiet mill-karozza u l-imputat harigha mill-karozza fejn kompliet taghti bis-sieq lilu u lill-karozza, u hu taha xi daqqa fl-istonku. Meta qaltlu li kienet ser tirraportah, hu heddidha bis-sikkina u qalilha li hu kien ser jmur jirraportha u jiehu l-affarijiet li kellha fil-karozza l-ghassa. Fil-fatt l-imputat mar l-ghassa jirraporta, u hi marret il-fabbrika tal-Playmobil titlob l-ghajnuna li min-naha taghhom cemplu lil-Pulizija. Skond l-ezami mill-gynae, ma kien hemm ebda sinjal ta' vjolenza, izda mit-testijiet tal-*vulval vaginal swab* tad-DNA irrizulta li kien hemm DNA tal-imputat mhallat ma' tal-*parte civile*, u ghalhekk jirrizulta illi kien hemm l-att sesswali. L-imputat min-naha tieghu fl-istqarrija qal illi kien hemm l-att sesswali, u kienet hi li bdiet tbusu u l-att sesswali kien konsenswali ghax hi stess kienet nehhiet il-qalziet, u qaltlu biex jieqaf x'hin kien lest u qaltlu li ma riditx tmur id-dar.

Illi wkoll Dr Felice, l-espert tal-gynae li gie nnominat fl-inkjesta, ma sabx tbengil jew sinjal ta' trauma meta ezaminha minn gewwa lill-*parte civile* u ghalhekk l-Qorti wara li rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, kif ukoll semghet ix-xhieda, hija konvinta illi **l-ewwel(1) akkuza fil-konfront ta' l-imputat ma' gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.**

Illi rigward **it-tieni (2) akkuza, stante ir-rinunzja tal-*parte civile*, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-akkuza** migjuba fil-konfront ta' l-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza numru tlieta (3) migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghat tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' akkuza numru tlieta (3) migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

__Decide__

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed **tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza** migjuba fil-konfront tieghu, u wara li rat Artikolu 7 u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Francis Zahra hati tat-tielet(3) akkuza** migjuba kontrih u qed **tikkundannah ghal tlett xhur prigunerija li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena (1) millum, kif ukoll ghall-hlas ta' multa ghas-somma ta' hames mitt Euro (€ 500).**

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**